Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri) Għawdex

Imħallef Onor. Dr Anthony Ellul B.A. (Hon.) Pub. Admin. LL.D.

Seduta tal-lum 16 ta' Frar 2018.

Appell numru: 27/16

**Andrei Pace (appellant)**

**vs**

**Victor Xerri (appellat)**

1. **Il-kawża tikkoncerna talba għall-ħlas ta' €1,213 bħala danni li l-attur isostni li sofra wara ksur unilaterali ta' ftehim da parti tal-konvenut.**

2. B'avviż tat-3 ta' Ġunju 2016, ippreżentat fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-attur Andrei Pace spjega li hu u Victor Xerri kienu ftehmu li Xerri kellu "*jippresta ismu*" biex jikkontesta deċiżjoni tal-MEPA fejn inħareġ permess għal żvilupp li kien ser jgħatti l-veduta li tgawdi l-*penthouse* tiegħu. Spjega li r-raġuni għaliex l-appell mal-MEPA ma setax jagħmlu hu, iżda seta' jagħmlu biss Xerri, kienet għaliex kien proprju Xerri li kien ir-"*registered objector*" għal tali żvilupp, peress li kien hu (Xerri) is-sid preċedenti tal-*penthouse* qabel xtraha l-attur mingħandu. Spjega wkoll illi Xerri kien impona l-kundizzjoni li l-ispejjeż tal-appell kellu jħallshom hu (l-attur) u li hu kien aċċetta tali kundizzjoni. Qal li saru spejjez fl-ammont ta' €1,213 u li meta kienet qeghdha toqrob id-data għas-smigħ tal-appell, Xerri infurmah illi kien ġie mhedded mill-iżviluppatur li qallu li kien se jżommu responsabbli għad-danni kollha jekk il-permess jiġi revokat. Għalhekk Xerri insista mal-attur li biex ikompli l-appell, kellu jiddikjara bil-miktub li kien

qed jassumi r-responsabilita' għal kwalsiasi danni konsegwenzjali. Meta m'aċċettax li jagħtih dik id-dikjarazzjoni, il-konvenut irtira l-appell quddiem il-MEPA. Għalhekk l-attur permezz ta' din il-kawża qed jitlob rifużjoni ta' €1,213 rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tal-MEPA.

3. <u>Fir-risposta tiegħu tat-8 ta' Lulju 2016</u> il-konvenut wieġeb li:

(i) t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
(ii) huwa m'għandu jagħti xejn lill-attur;
(iii) huwa m'għandu l-ebda obbligu vis-à-vis l-attur;
(iv) huwa dejjem aġixxa fil-mansjoni tad-drittijiet tiegħu;
(v) bla preġudizzju, l-ammont mitlub huwa esaġerat u frawdolenti.

4. <u>Fis-sentenza tal-21 ta' April 2017</u>, it-Tribunal laqa' l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħad it-talba tal-attur. It-Tribunal qal:

*"Illi minn ezami tal-process, jidher li l-argument tal-Attur hu li l-Attur kien "delegat" mill-konvenut sabiex imexxi bl-appell f'ismu. Fil-mori tal-kawza jintuza t-terminu "prestanome." Issa l-ligi taghna jidher li ma tridx li fejn imiss ma' proceduri legali wiehed jinqeda bl-emissarji. Ghalhekk, per ezempju, fil-waqt li l-Kodici Civili (Kap. 16) jaghti s-setgha li wiehed iqabbad mandatarju sabiex jaghmel (tista' tghid) kwalsiasi att civili li jigi miftiehem, fl-Art. 1866 hemm espressament projbit li l-mandatarju joqgħod f'kawża, "bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili…" Bl-istess mod, Regola 6 tat-Tieni Kapitlu tat-Tieni Parti tal-Kodici tal-Etika viggenti ghall-Professjoni Legali, tipprovdi illi "where instructions are received not from a client but from a third party (not being a member of the legal profession) purporting to represent that client, an advocate should seek direct confirmation from the client as soon as possible. In case of doubt, the advocate must meet with the client or take the necessary steps to confirm the instructions as soon as possible." Huwa principju assodat li l-atti huma tal-persuna li f'isimha jsiru. Fuq kollox, fir-rit ordinarju u senjatament bl-Art. 906 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), "kull waħda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definitiva, tirrinunzja għall-atti illi hija tkun ippreżentat."*

*Issa t-Tribunal fela bir-reqqa l-atti u kkontempla dwar din il-kwistjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, il-ligi ma tridx li wiehed jinqeda b'isem haddiehor sabiex imexxi bi proceduri u certament li l-Konvenut kellu kull jedd li jwaqqaf il-proceduri. Il-fatt li hu rcieva millantazzjonijiet minghand terzi u li l-persuna li kien qed jinqeda b'ismu ma riedx jidhol ghall-garanziji f'kaz ta' rivalsa, ikompli jsahhah il-pozizzjoni tal-Konvenut li jerga' lura mill-vicenda li dahal fiha. Fuq kollox irrizulta car li l-Konvenut ma kienx dispost li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li l-ewwel erba' eccezzjonijiet huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha".*

5. L-attur appella mis-sentenza permezz ta' rikors li pprezenta fil-11 ta' Mejju 2017. L-aggravji huma:

(i) Preliminarjament bħala proċedura, jgħid illi għalkemm il-kawża kienet iffissata għall-10.00am instemgħet fit-3.00pm, u għalkemm il-ġudikant innota li huwa kien sprovvist minn difensur, meta qal li s-seduta kienet posposta għad-deċiżjoni, ma spjegalux (b'sens ta' ekwita') li dan kien ifisser li kien ser jagħti s-sentenza dakinhar stess, u għalhekk huwa fehem li l-kawża ġiet differita u telaq mill-Qorti, sajjem mill-fatt li l-kawża kienet se tinqata' dakinhar u li l-liġi timponi l-avviż ta' ħsieb ta' appell *seduta stante* ai termini tal-Artikolu 9(2). Jgħid ukoll illi minkejja li d-difensur tiegħu kien bagħat javża li kien impenjatissimu fil-Qorti tal-Familja, il-ġudikant ippermetta lill-avukat avversarju jittratta filwaqt li huwa baqa' mingħajr trattazzjoni finali. Għalhekk jitlob lil din il-qorti tippermetti li dan l-appell jitqies regolari u jinstema' b'mod normali fl-interess tal-ġustizzja u l-ekwita', peress li ma kienx hemm "*a level playing field*" sufficjenti biex il-ġudikatur jaqta' u jiddeċiedi l-każ.

(ii) Fil-mertu tad-deċiżjoni jissottometti li hawn ukoll kien hemm nuqqas gravi ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ekwita' u l-imparzjalita' fis-sens tal-Artikolu 8(d), u dan għaliex fl-assenza tad-difensur tiegħu, il-ġudikant ittrattah daqs li kieku kien hu l-avukat, tant li ġie mistoqsi jekk riedx iżid xi ħaġa, u wkoll għaliex l-avukat avversarju għamel trattazzjoni hu waħdu.

Isostni għalhekk li l-"*audi alteram partem*" ma ġietx prattikata u d-deċiżjoni ttieħdet bi trattazzjoni ta' naħa waħda biss, u bħala konsegwenza ta' dan il-ġudikatur kellu "*misunderstanding*" gravi dwar x' verament sar meta ġie ntavolat l-appell quddiem il-MEPA u dwar min kienu d-"*dramatis personæ*" u f' liema vesti aġixxew.

(iii) Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' fatti, jilmenta illi l-ġudikant qatt ma wera, jew talab xi kjarifiki, anke reċiproċi, mill-partijiet dwar id-"diffikulta` " li jidher li kienet qed tberren f' moħħu, cioe':

(1) jekk Xerri kienx deher hu b'ismu stess fl-appell quddiem il-MEPA, jew
(2) jekk minħabba l-"*inkarigu u l-konferma*" biex huwa (l-attur) ikun responsabbli hu stess għall-ispejjeż tal-appell minkejja li l-appell ikun intestat f'isem il-konvenut, kienx ifisser li huwa (l-attur) aġixxa bħala mandatarju ta' Xerri li kien preżenti f' dawn il-gżejjer, u jekk sarx xi forma ta' mandat fis-sens projbit mill-Artikolu 1866 ċitat fid-deċiżjoni, jew bi ksur ta' etika professjonali.

Huwa jilmenta illi kieku l-ġudikant talab l-iċken kjarifika, stante li f'xi ħin issemmiet il-kelma *"prestanome*", kienet ixxejjen l-idea espressa minnu fid-deċiżjoni fejn ikkonkluda (erronjament) li l-inkarigu li jsir l-appell kien

sar "minn terza persuna", li allura dan jista' jfisser biss hu (l-attur) jew Paul Dimech. Isostni li fil-fatt Dr Ian Stafrace kellu nkarigu tal-kljent tiegħu – l-konvenut – biex dan tal-aħħar jidher fl-appell b'ismu stess, u biex għalhekk huwa jmexxilu l-appell. Jenfasizza li ma kienx qed jidher "*Andrei Pace a nom ta' Victor Xerri kif donnu ħaseb il-ġudikatur*".

(iv) Jargumenta illi huwa kellu jagħmel it-talba odjerna għar-rifużjoni tal-ispejjeż tal-appell quddiem il-MEPA għaliex il-konvenut irtira l-appell qabel ma kellu ċans jinstema' u dan abbażi ta' kwistjoni li ma kinitx parti mill-"*contractual field*". Jilmenta ili bil-mod kif il-ġudikant ħareġ bil-konklużjoni li l-ftehim ma kienx validu minħabba l-artikoli minnu ċitati, huwa naqas mill-prinċipji ta' analiżi korretta tal-fatti li kien dovut jagħmel u li jmexxi bl-ekwita' fejn kellu dubju, billi jinvolvi aktar lill-partijiet tad-difensuri.

6. (Flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu l-attur ippreżenta kopja ta' korrispondenza skambjata bl-*email*, immarkata Dok APX, APY u APZ.)

7. L-attur fl-appell tiegħu qed jitlob lil din il-qorti biex, una volta tilqa' li jinstema' l-appell għar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu, tordna r-revoka tad-deċiżjoni u tilqa' t-talba tiegħu minħabba ksur tal-prinċipji tal-"*fair-play*", *audi alteram partem* u l-ekwita' da parti tat-Tribunal u li kkaġunawlu ħsara u telf ta' flus irrimedjabbli, ħlief bl-intervent ta' din il-qorti. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 29 ta' Marzu 2016 mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166 (Kap 12).

8. Fit-13 ta' Ġunju 2017 il-konvenut wieġeb biex jgħid illi l-appell interpost mill-attur huwa fieragħ tant li għandhom jiġu applikati l-komminazzjonjiet stipulati mil-liġi f' każ ta' appelli frivoli u vessatorji.

9. (Flimkien mar-risposta tal-appell il-konvenut ippreżenta kopja ta' *emails*, u jgħid li dawn huma l-emails responsivi għal dawk li ppreżenta l-attur mar-rikors tal-appell tiegħu, u li "*konvenjentement*" l-attur naqas li jipproduċihom).

**Konsiderazzjoni.**

I. **Il-kwistjoni rigwardanti l-fatt li l-attur ma tax avviż lill-ġudikatur li xtaq jappella mid-deċiżjoni "*a tenur tal-Artikolu 9(2)*"**:

10. Fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-appell tiegħu l-attur ta ragunijiet sabiex jiġġustifika l-fatt illi dakinhar li nqatgħet il-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontrih huwa ma avżax lill-ġudikant li kien bi ħsiebu jappella "*a tenur tal-Artikolu 9(2)*" tal-Kap 380 (*Att Dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar*). Iżda effettivament, ma kienx il-każ li jagħmel dan.

11. Il-qorti tqis li dan l-ilment hu superfluwu ghaliex l-appellat ma tax eccezzjoni li l-appell hu null minħabba li dakinhar li nghatat is-sentenza l-appellant ma tax l-avviz kontemplat fl-artikolu 9(2) tal-Kap. 380.

II. **Appell mhux fuq il-mertu, iżda fuq l-ilment li d-deċiżjoni marret kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita'**:

12. Kif tajjeb qal il-konvenut fit-tweġiba, l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 380 jipprovdi li appell fuq il-mertu jrid ikun wieħed fejn it-talba taċċedi l-elf u ħames mitt ewro (€1,500). Fil-fatt l-attur sejjes dan l-appell tiegħu fuq l-ilment li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita' skont il-liġi, b' mod li ġew ippreġudikati l-jeddijiet tiegħu skont ma jipprovdi l-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap 380.

13. L-Artikolu 8 tal-Kap 380 jipprovdi hekk dwar appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal (l-enfazi hi l-parti rilevanti):

> *(1) Appell isir minn deċiżjoni ta' Tribunal lill-Qorti tal-Appell magħmula minn imħallef wieħd biss skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-appell għandu jsir b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata.*
>
> *(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*
> *(a) fuq kull ħaġa li jkollha x' taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*
> *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*
> *(c) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2);*
> ***(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita' skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min appella.***

(3) ***Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijet tal-artikolu 3(2), jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).***

(4) *Meta l-Qorti tal-Appell taqta' li l-appell ikun fondat u ġustifikat, din għandha tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal u għandha hi stess taqta' t-talba u l-kontro-talba oriġinali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7.*

(5) *Il-Qorti tal-Appell tista', jekk tikkonsidra r-rikors frivolu jew vessatorju, tiċħad l-appell u tordna lill-appellant biex iħallas penali li m'għandhiex tkun inqas u li ma tkunx iżjed minn elf u mitejn u ħamsin euro (€1,250).*

(6) *L-ammont tal-penali għandu jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern bħala dejn ċivili, likwidu u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-reġistratur. L-ordni msemmija fis-subartikolu (5) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

F'dan il-kaz id-deċiżjoni dwar il-meritu ma kinitx bażata fuq l-ekwita'.

## III. <u>**Ksur o meno tal-prinċipji tal-*fair play, audi alteram partem* u l-ekwita' b'mod li ġew ippreġudikati d-drittijiet tal-attur**</u>:

14. L-attur isostni illi dakinhar li nghatat is-sentenza (21 ta' April 2017) l-avukat tiegħu nzerta kien impenjat fil-Qorti tal-Familja, u li konsegwentement saret trattazzjoni da parti tal-avukat tal-konvenut biss. L-attur ilmenta li dan imur kontra l-prinċipju tal-"*audi alteram partem*", għaliex il-ġudikatur iddeċieda l-vertenza abbażi ta' dak li ttrattat naħa waħda biss.

15. Il-konvenut invece jgħid illi mhux minnu li saret xi trattazzjoni, u jaċċenna għall-verbal tas-seduta fejn fil-<u>fatt mhemmx miktub li saret trattazzjoni</u>.

16. Effettivament mill-verbal jirriżulta <u>li xehed id-difensur tal-konvenut</u>, u fil-fatt kif jirriżulta mit-traskrizzjoni l-attur għamillu xi suġġeriment dwar kif ġraw il-fatti, u l-istess difensur wieġeb:

"*Mela huwa minnu dak li qiegħed jissuġġerixxi l-attur illi l-papa' tiegħu kien qalli: 'Isma dan m'hemmx danni f' dan il-każ', u jiena kont weġibtu u għidtlu: 'Aktar u aktar ġialadarba m'hemmx danni f'dan il-każ m'għandekx biża' tagħmilha d-dikjarazzjoni', iżda hu kien irrifjuta xorta".*

17. Ix-xiehda tad-difensur tal-konvenut ma tistax titqies bħala trattazzjoni, u għalhekk mhux fondat l-ilment tal-attur li l-ġudikatur iddeċieda l-vertenza abbażi ta' trattazzjoni ta' naħa waħda biss. Id-deposizzjoni ta' Dr Kevin Mompalao kienet l-unika prova li ressaq il-konvenut, tant li wara li spiċċa jixhed ġie vverbalizzat illi: "*Dr Kevin Mompalao jiddikjara li m'għandux aktar provi x' jipproduċi.*"

18. Għandu jingħad li l-attur da parti tiegħu kellu kull opportunita' li jressaq il-provi tiegħu f'dawn il-proċeduri, u fil-fatt huwa ppreżenta kemm xiehda kif ukoll dokumenti f'tentattiv biex jissostanzja t-talba tiegħu. In vista tan-natura ta' dan l-appell din il-qorti jidhrilha li huwa opportun telenka b'mod kronoloġiku il-proċeduri u l-provi relattivi li tressqu fihom:

- Fl-avviż innifsu li ġie ppreżentat fit-3 ta' Ġunju 2016 l-attur ta rendikont dettaljat tal-fatti li wasslu għat-tilwima, u anke ppreżenta d-dokumenti li deherlu li kienu rilevanti, fosthom anke l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu 2016 maħlufa mill-istess attur, li fiha wkoll rendikont dettaljat tal-verżjoni tiegħu tal-fatti;

- Fl-ewwel seduta tal-15 ta' Lulju 2016 il-ġudikatur astjena milli jkompli jisma' l-każ peress li kien ivolut fil-kwistjoni odjerna bħala d-difensur tal-konvenut.

- Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 xehed l-attur Andrei Pace u anke ppreżenta d-dokumenti Dok E, Dok XX, Dok Y u Dok Z;

- Fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2016 xehed Paul Dimech prodott mill-attur. Dakinhar ġie dikjarat li bħala provi l-attur kien jonqsu biss li jippreżenta affidavit tad-difensur tiegħu Dr Joseph Pace u li jittella' l-Perit Fenech Vella bħala xhud.

- Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2017 ġie vverbalizzat illi l-attur u d-difensur tiegħu ma setgħux jattendu.

- Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017 ġie vverbalizzat illi fuq talba tal-partijiet il-kawża kienet qegħdha tiġi differita għall-21 ta' April 2017 għall-istess skop tal-verbal preċedenti (cioe' l-provi tal-attur) **bl-intiża ċara li <u>jew il-kawża tiġi ċeduta jew jitressqu l-provi kollha li fadal</u>**.

- Fis-seduta tal-21 ta' April 2017 xehed Dr Kevin Mompalao, id-difensur tal-konvenut. B'riferenza għall-verbal tal-15 ta' Diċembru 2016, din il-qorti tosserva li baqa' ma ġiex ippreżentat l-affidavit tad-difensur tal-attur, u lanqas ma ttella' jixhed il-Perit Fenech Vella, minkejja li t-Tribunal għamilha ċara li dik kienet ser tkun l-aħħar seduta għall-ġbir tal-provi.

19. Dan kollu juri li ż-żewġ partijiet kellhom kull opportunita' li jressqu l-provi tagħhom (inkluż dwar ir-retroxena tal-appell quddiem il-MEPA u dwar "*min kienu d-dramatis personæ u f'liema vesti kienu qegħdin jaġixxu*"), u li jekk l-attur ma ressaqx iktar provi biex isaħħaħ il-verżjoni tiegħu dwar dak li ġara, dan ma kienx minħabba xi nuqqas tat-Tribunal.

20. <u>Il-ġudikatur wasal għad-deċiżjoni tiegħu unikament fuq il-provi li jressqu ż-żewġ partijiet, u mhuwiex veru li d-deċiżjoni kienet bażata fuq it-trattazzjoni ta' naħa waħda biss.</u>

21. Għalkemm il-kawża kienet differita għall-21 ta' April 2017 għaċ-ċessjoni jew għall-provi kollha li kien fadal (u mhux speċifikatament għas-sentenza jew għat-trattazzjoni) l-Artikolu 9(2)(a) jeżiġi li bħala regola l-kawżi quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar għandhom (sakemm ikun possibbli) jinstemgħu u jinqatgħu sommarjament <u>fl-istess jum tas-smigħ u li tali smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda</u>. Għalhekk ma kienx hemm irregolarita' mill-fatt waħdu li t-Tribunal ippospona l-kawża għas-sentenza. Dan apparti li waqt mill-atti ma jirriżultax li f'dik l-aħħar seduta kienet saret talba lit-Tribunal sabiex jagħti differiment għaliex l-appellant ma kienx assistit minn avukat.

22. In vista ta' dan kollu din il-qorti assolutament ma jidhrilhiex li huwa ġustifikat l-ilment tal-attur li l-ġudikatur mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita'

u tal-ekwita' skont il-liġi. Wisq inqas ma hu ġustifikat jilmenta li ġew preġudikati xi jeddijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

23. F'kull każ għal dak li jirrigwarda l-meritu, l-aggravju tal-attur hu kollu mibni fuq it-tezi li l-konvenut kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali u mhux bħala mandatarju tal-attur. Din hi materja li titratta punt ta' fatt li dwarha mhemmx dritt ta' appell. It-Tribunal għamel l-apprezzament tal-provi u wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Pero' l-qorti trid tosserva li:

i. Jidher li l-konvenut ma kellu l-ebda nteress personali li jappella l-ħruġ ta' permess. Hu kien biegħ il-proprjeta tiegħu lill-attur u mhemmx provi li kellu xi proprjeta' oħra fejn kien ser isir l-iżvilupp oġġett tal-permess ta' żvilupp PA/02971/4.
ii. Bħala s-sid il-ġdid tal-appartament numru 7, Joseph Court, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, Għawdex li xtara fis-27 ta' April 2015, il-persuna li kellha nteress li tikkontesta l-permess ta' żvilupp numru PA/02971/4 kien l-appellant (f'dan ir-rigward ara wkoll dak li xehed).
iii. L-appellant kien ingħata parir legali li peress li ma kienx *objector* fl-ewwel stadju, ma kellux jedd jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Irrispettivament jekk dak il-parir huwiex korrett jew le, jibqa' il-fatt li l-appell sar mill-konvenut fl-interess tal-attur. Kien id-difensur tal-attur stess li waqt li kien qiegħed jagħmel l-eżami ta' Paul Dimech (seduta 15 ta' Diċembru, 2016), qal *"Prestanome jigifieri kien"*. Dan b'riferenza għall-konvenut. Saħansitra fl-avviż tat-talba l-attur iddikjara, *"... u bil-għajnuna ta' xi persuni rnexxielu jipperswadi lill-istess konvenut Victor Xerri* ***biex jippresta ismu għall-preżentata ta' Appell****....."*. Mela fl-att li bih inbdew il-proċeduri kien l-attur stess li ddikjara li nqeda b'isem il-konvenut biex ikun jista' jappella d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Saħansitra l-appellant aċċetta li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha relatati mal-appell.
iv. L-appellant xehed, *"…. Lejn il-bidu ta' Jannar, jiena rċevejt email mingħand Dr Mompalao u qalli li s-sur Xerri rċieva xi karta mingħand il-Perit ta' dar li qed jibni quddiemna, li qed iżommu reponsabbli għad-danni jekk il-permess*

*tiegħu jaqa' u qalli, staqsini biex jiena naċċetta li nieħu responsabbilta' ta' dawn id-danni. Ovvjament jiena m'aċċettajtx ……"*[1]. Mill-provi hu evidenti li l-appellat qatt m'aċċetta li kien hemm min-naħa tiegħu fin-negozju li sar mal-appellant. Ladarba l-appellat appella fl-interess tal-appellant għaliex l-appellant kellu parir li ma setax jappella f'ismu peress li ma kienx l-*objector* oriġinali, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellu jirrifjuta li jagħmel tajjeb għal kwalsiasi danni li setghet tippretendi t-terza persuna. Kien proprju minħabba r-rifjut tal-appellant li l-appellat irtira l-appell.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[1] Fol. 51.